MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 382/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Melchior Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Melchior Spiteri ta’ 31 sena, bin Lawrence u Abigail xebba Hunt, imwieled il-Pieta` fil-15 ta’ April 1975, bhalissa jinsab fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 248575(M):

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-2 ta’ April 2007 u fix-xhur ta’ qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 ‘dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Akkuzat ukoll talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs droga (eroina u *cannabis*) li huma medicini perikoluzi skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Fl-ahhar nett talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, l-imputat iddikjara li kien qieghed jezenta lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fit-2 ta' April 2007, ghall-habta tas-13.00, waqt li kienet qeghda ssir tfittxija fic-cella numru 122, f'Divizjoni 3, okkupata mill-imputat, ufficjali tal-habs sabu qratas b'sustanza suspettata droga. Erbat iqratas u borza zghira nstabu f'pakkett tas-sigaretti fuq

il-persuna tal-imputat u qartas iehor instab taht is-saqqu.[1] Mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut[2], li gie mahtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, jirrizulta illi huwa gie mghoddi *envelope* issigillat u ffirmat, li kien fih pakkett tas-sigaretti Rothmans Royals, *lighter*, karta zghira b'numru fuqha, erbat iqratas, karta ta' lewn isfar, bicca *plastic* maghluqa b'ghoqda li kien fiha trab ta' lewn kannella u zewg bicciet *aluminium foil* b'ticpis ta' lewn iswed. Mill-konkluzjonijiet tal-istess espert, jirrizulta illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li kien hemm f'dawn id-dokumenti, instabet is-sustanza eroina, bil-piz tat-trab ammontanti ghal 4.28 grammi, b'purita` ta' cirka 15%. Fuq *swabs* mehuda miz-zewg bicciet *aluminium foil*, instabet is-sustanza eroina. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi t-trab imsemmi kien maqsum fis-segwenti mod: it-trab fil-borza kellu piz ta' 3.96 grammi, it-trab fit-tlett iqratas kellu piz ta' 0.05 grammi kull qartas, ir-raba' qartas kellu piz ta' 0.06 grammi u t-trab fil-karta safra kellu piz ta' 0.11 grammi.[3]

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fid-9 ta' April 2007[4], wara li huwa nghata d-debita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova, liema stqarrija, huwa ghazel li ma jiffirmahiex, l-imputat qal illi kien ilu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin xi sitt snin u li kien qed jiskonta sentenza. Meta gie ssuggerit lilu illi fic-cella tieghu fit-2 ta' April 2007, instabu madwar 10 grammi sustanza kannella suspettata droga eroina, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li din kienet droga li kellu ghall-uzu tieghu. Qal illi huwa jikkonsma madwar zewg grammi u nofs kuljum u li d-droga kien gabha minn gewwa l-habs, minghand detenut iehor. Qal illi huwa jhallas Lm600 ghal ghaxar grammi ossia Lm60 il-gramma. Mistoqsi minn fejn gab dawn il-flus, huwa qal illi l-flus tieghu, li ilhom ghandu u li l-flus ma kinux il-habs, kienu barra l-habs u li huwa hallas b'terzi persuni minn barra l-habs. Qal ukoll illi huwa juza wkoll ftit *cannabis* (*smoke*). L-ahhar li ha eroina kien fit-2 ta' April 2007 u uza l-*cannabis* xi hmistax qabel. Il-*cannabis* igibha bl-istess mod li jgib l-eroina. Mistoqsi ghalfejn ftit mid-droga kienet maqsuma fi qratas, mentri madwar hames

[1] Xhieda ta' Clint Azzopardi, a fol. 94 *et seq* tal-process; xhieda ta' John Callus, a fol. 97 *et seq* tal-process; xhieda ta' PS 1495 Joseph Muscat, a fol. 106 *et seq* tal-process; xhieda ta' Daniel Cuschieri, a fol. 115 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 7 *et seq* tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 81 tal-process.
[3] L-espert Godwin Sammut ikkonferma r-relazzjoni tieghu fis-seduta tal-1 ta' Frar 2010 (a fol. 82 tal-process).
[4] A fol. 66 *et seq* tal-process.

grammi kienu f'borza wahda, l-imputat wiegeb illi huwa kien ghamel ghaxart iqratas biex jikkalkula kemm kien qed jiehu kuljum u nnega li kien qassam id-droga fi qratas sabiex ibiegh minnha.  Qal illi d-droga jabbuza minnha billi jahraqha.  Mistoqsi kif id-droga dahlet fil-habs, huwa wiegeb li kien xtraha minn gewwa l-habs u li ma jafx kif giet imdahhla.

Fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Gunju 2013[5], Dr. Joseph Spiteri qal illi lill-imputat ilu jafu minn meta kellu sittax-il sena u li bhala konsulent psikjatra gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u gewwa l-Isptar Monte Karmeli, seta' jghid illi fis-sena 2007, gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, kien hemm ammont ta' droga – fi kliemu, *left, right and centre* - u li d-detenuti kienu jigu *pressured* minn detenuti ohrajn sabiex jiehdu d-droga.  Qal ukoll illi l-imputat ilu rikoverat gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli tal-inqas tlett snin u li f'dawn l-ahhar tlett snin dejjem kien *clean* u li ma hax izjed droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi d-droga in kwistjoni instabet *in parte* fuq il-persuna tal-imputat u *in parte* taht is-saqqu tas-sodda fic-cella tieghu u ghalhekk fil-pussess tal-istess imputat.  Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa ammetta li d-droga hekk misjuba kienet tieghu.  Jidher ukoll kemm mill-istqarrija tal-imputat, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri, illi l-imputat kien jabbuza mid-droga – skond l-imputat huwa kien jabbuza kuljum mill-eroina u xi kultant anke mill-*cannabis.*  Fil-pussess tieghu, instabu wkoll zewg bicciet tal-*foil* bi tracci ta' eroina fuqhom, li jindika illi l-imputat kien fil-fatt jaghmul uzu mill-eroina.

Dak li qed jigi kkontestat da parti tal-imputat ghalhekk huwa l-pussess aggravat tad-droga eroina.

[5] A fol. 129 *et seq* tal-process.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli"*.

Issa f'dan il-kaz, it-trab kontenenti l-eroina li nstab fil-pussess tal-imputat kellu piz totali ta' 4.28 grammi – ammont li ghalkemm m'huwiex xi wiehed straordinarju, zgur li m'huwiex insinjifikanti, izjed u izjed tenut kont tal-fatt illi dan instab gewwa l-konfini tal-habs, fejn allura d-disponibilita` tad-droga hija inqas minn dik fit-triq. Fil-fehma tal-Qorti, fil-kuntest li fih instab, ossia gewwa l-habs, dan l-ammont jakkwista izjed importanza u dan minkejja x-xhieda tal-

Psikjatra Dr. Joseph Spiteri li qal illi dak iz-zmien, fil-habs kien hemm hafna droga.

Element iehor li l-Qorti kkunsidrat huwa l-fatt illi d-droga kienet maqsuma f'borza li kien fiha piz ta' 3.96 grammi, tlett iqratas b'0.05 grammi kull wiehed, qartas iehor b'0.06 grammi u karta safra b'0.11 grammi. Dwar dan l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu illi huwa kien jaghmel ghaxar pakketti sabiex jikkalkula kemm jiehu droga kuljum. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi tlieta minn dawn il-qratas kellhom piz identiku u qartas iehor kien kwazi identiku ghat-tlieta l-ohrajn – l-imputat ghalhekk ma tantx jidher li kellu diffikulta` jikkalkula anke ammonti zghar hafna ta' droga, tant illi din il-precizjoni fil-kalkolu tal-ammont f'kull qartas wasal ghaliha minkejja li fil-pussess tieghu ma jidher li nstab ebda mizien elettroniku jew mizien ta' tip iehor. Imbaghad il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dawn il-kalkoli tant precizi saru mill-imputat gewwa l-habs, fejn sa dak iz-zmien kien ilu xi sitt snin – it-tqassim tad-droga gewwa qratas u terga' tghid b'tant precizjoni, jiehu certu hin u fl-ambjent ta' habs, ukoll certu riskju, li ma tantx jaghmel sens fil-fehma tal-Qorti, izjed u izjed tenut kont tal-fatt illi l-imputat stqarr illi huwa kien jabbuza minn madwar zewg grammi u nofs eroina kuljum. Mela allura ma kienx jaghmel sens ghall-imputat li joqghod jaqsam id-droga f'ammonti tant zghar u jiehu dan ir-riskju kollu.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi fil-waqt li doza normali ta' eroina fit-triq generalment hija ta' cirka 0.1 gramma, huwa risaput ukoll illi fil-habs, ghall-ragunijiet ovvji, doza normali hija ferm inqas u fil-fatt il-qratas li nstabu bil-piz ta' 0.05 grammi u 0.06 grammi, huma normali bhala pizijiet, gewwa l-habs. Terga' u tghid l-imputat stqarr illi huwa kien jaghmel ghaxar pakketti biex jikkalkula kemm kien qed jiehu kuljum – jekk huwa kien jaghmel ghaxar pakketti bil-piz ta' madwar 0.05 grammi il'wiehed (fil-fatt qartas wiehed biss instab b'piz ta' 0.11 grammi), dan ifisser illi ghaxar pakketti kienu jammontaw ghal 0.5 gramma eroina b'kollox u cioe` frazzjoni zghira minn dak li l-imputat jghid li kien jikkonsma kuljum. Kieku l-imputat verament kien jikkonsma madwar zewg grammi u nofs eroina kuljum, kien ikollu bzonn mhux ghaxart iqratas b'dak il-piz, izda ben hamsin qartas! Li jfisser ukoll illi sabiex huwa

jikkonsma madwar hamsin doza, kien ikun necessarju ghalih illi jaghmel uzu minn izjed minn zewgt iqratas fis-siegha ghall-erbgha u ghoxrin siegha shah. Kieku verament l-imputat kien jaqsam id-droga fi qratas biex jikkalkula x'jiehu, wiehed kien jistenna li tenut kont tal-allegat ammont li kien jikkonsma, id-droga kienet tkun maqsuma fi kwantitajiet ikbar.

Imbaghad, il-Qorti ma tistax ukoll tinjora l-fatt illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jaghti x'jifhem illi originarjament huwa kellu 10 grammi eroina u li ghal din id-droga kien ihallas Lm600. Meta mistoqsi kemm ihallas ghad-droga, jghid illi kien ihallas Lm60 ghal gramma. Ghalkemm il-Qorti ma tistax tghid kemm kellu droga originarjament l-imputat, madankollu jekk kien minnu li huwa kien jikkonsma zewg grammi u nofs eroina kuljum, dan ifisser, a bazi ta' dak li qal dwar il-prezz li biha kien jixtri d-droga, illi huwa kellu bzonn Lm150 kuljum ossia Lm1,050 fil-gimgha jew Lm4,200 fix-xahar. Tenut kont tal-fatt illi l-imputat kien detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li kien ilu hekk detenut ghal madwar sitt snin u tenut kont ukoll ghalhekk illi kemm il-darba huwa kellu xi forma ta' introjtu, dan kien wiehed ferm limitat, l-ammont ta' flus li kellu bzonn l-imputat sabiex imantni l-vizzju tieghu kien wiehed ezorbitanti ghall-ahhar, anke ghall-persuna li ma kinitx tinsab hekk detenuta u anke jekk, kif jghid hu fl-istqarrija tieghu, kellu xi flus imwarrbin. Dan ghalhekk ifisser illi jew l-imputat ezegera dwar l-ammont ta' droga illi huwa jghid illi kien jikkonsma sabiex jiggustifika illi l-ammont li nstab fil-pussess tieghu kien intiz biss ghall-uzu personali tieghu jew inkella illi kemm il-darba kien minnu li kien jikkonsma daqstant droga, allura ma setax imantni dan il-vizzju minghajr introjtu fiss u konsiderevoli.

Iddur fejn iddur, il-Qorti ma ssibx l-ispjegazzjoni tal-imputat bhala wahda attendibbli u kredibbli u tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha li fihom instabet id-droga, il-kwantita` tad-droga misjuba, il-mod kif din kienet maqsuma, in-numru ta' qratas li nstabu u l-fatt illi dan l-ammont instab fuq detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, iwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi tali cirkostanzi jindikaw illi d-droga eroina in kwistjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll, permezz tat-tieni imputazzjoni, illi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis.* Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi apparti l-eroina, huwa kien jabbuza wkoll mill-*cannabis* (*smoke*) u li l-ahhar li kien ikkonsma minn din id-droga kien xi hmistax qabel ma ttiehdet l-istqarrija fid-9 ta' April 2007. Ghalhekk *ex admissis* jirrizulta illi l-imputat kien jabbuza wkoll mill-*cannabis* u dan fiz-zmien indikat fic-*charge sheet* odjerna. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issibu hati wkoll tat-tieni imputazzjoni.

Fit-tielet lok, l-imputat gie akkuzat talli dahhal jew ipprova jdahhal droga ossia d-droga eroina u *cannabis* f'xi parti tal-konfini tal-habs, minghajr awtorita` legittima. F'dan ir-rigward fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat innega li kien hu li dahhal id-droga gewwa l-habs u qal illi d-droga – kemm b'referenza ghall-eroina, kif ukoll ghall-*cannabis* – gabha minn gewwa l-habs stess, minghand detenut iehor u li hallas ghaliha permezz ta' terzi persuni barra l-habs. Mill-provi migjuba, il-Qorti ma sabet assolutament l-ebda prova li tindika li kien l-imputat li effettivament dahhal din id-droga gewwa l-habs. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat.

Finalment, l-imputat gie akkuzat ukoll talli huwa recidiv. Fir-rigward ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2004, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Melchior Spiteri u Omissis'[6]. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Darmanin**, inghad hekk:

[6] A fol. 59 *et seq* tal-process u a fol. 87 *et seq* tal-process.

*"Skont ġurisprudenza kostanti, il-prova tar-reċidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija: "billi tiġi esibita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita`. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l-eżenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova tal- identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-akkużat kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati.*

*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti.""*

Il-Qorti ziedet tghid hekk:

*"Ma' din is-silta mis-sentenza li għaliha saret riferenza l-Qorti qed iżzid li l-prova tar-reċidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu, tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkużat. Ma jistax ikun hawn żewġ persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita`. F'dan il-każ, il-Qorti ma sabitx kopji tas-sentenzi li ngħata l-appellant li jmorru lura sa ħames snin qabel it-18 ta' Mejju 2011 għalkemm mill-fedina penali jirriżulta li ngħata multa fis-17 ta' Ottubru 2006, multa fit-3 ta' Ġunju 2009 u multa fis-17 ta' Marzu 2010. Kien hemm żewġ sentenzi oħra fejn ingħata l-artikolu 22 tal-Kap 446 iżda dawn ma jgħoddux għal dik li hija reċidiva. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti qed tilqa' t-tielet aggravju tad-difiża minħabba li l-Prosekuzzjoni ma tellgħetx il-prova tar-reċidiva. Għalhekk qed tillibera lill-appellant mill-addebitu tar-reċidiva."*[7]

---

[7] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004.

In oltre fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2012, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Rene Bezzina</u>** inghad hekk:

*"Kwantu ghall-addebitu ta' recidiva, din il-Qorti tinnota li ma saret l-ebda prova ta' hekk. Il-fedina penali ma tistax titqies prova nkonfutabbli. Kien ikun bizzejjed li kieku giet esebita kopja legali ta' sentenza li minnha jkunu jirrizultaw l-istess partikolaritajiet ta' l-appellant. Izda ma sar xejn minn dan u ghalhekk l-imputazzjoni ta' recidiva ma tirrizultax."*

Issa fil-kaz in ezami, ghalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet kopja ufficjali ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Melchior Spiteri u Omissis', mill-istess sentenza ma jirrizultawx il-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz. In oltre l-imputat la ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar l-identita` u lanqas il-Prosekuzzjoni ma ressqet xhud jew xhieda dwar l-identita`. Ghalhekk ghalkemm il-fedina penali tal-imputat hija wahda ferm refrattarja, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova necessarja ghal fini ta' dan l-addebitu u qeghda tillibera lill-imputat mill-istess.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali kif inghad hija wahda ferm refrattarja u kienet tikkonsisti fiz-zmien tar-reati odjerni, f'xejn inqas minn erbgha u erbghin faccata. Mill-istess fedina penali jirrizulta illi sa dak iz-zmien, l-imputat kien instab hati ta' diversi reati, inghata liberazzjoni kundizzjonata sitt darbiet u gie kkundannat ghal piena pekunjarja hdax-il darba, sentenza ta' prigunerija sospiza darba u piena karcerarja f'ben disgha u ghoxrin okkazzjoni, apparti li f'disa' okkazzjonijiet kellu piena pekunjarja konvertita f'detenzjoni.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-ammont ta’ droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat kien ta’ 4.28 grammi, b’purita` ta’ cirka 15%.

Ikkunsidrat ukoll illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m’ghandhomx japplikaw.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi skond ix-xhieda ta’ Dr. Joseph Spiteri, l-imputat jidher li rrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u ilu *clean* mis-sena 2010.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda moghtija mill-**Maggur Mario Zahra**[8], **Father Hilary Tagliaferro**[9] u **n-Nutar Dr. Mario Felice**[10]. Fix-xhieda tieghu tad-9 ta’ Marzu 2011, il-Maggur Zahra qal illi skond ir-*records* tal-habs, dwar dan il-kaz ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji jew proceduri kontra l-imputat, gewwa l-istess habs. Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2013, huwa xehed ukoll illi la tnaqqas xi *remission* lill-imputat minhabba dan il-kaz u lanqas gie kkastigat da parti tal-awtoritajiet tal-habs. Fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2013, mistoqsi mill-imputat jekk kienx jaf b’kazijiet fejn detenut kien jigi kastigat minghajr ma tinzamm *record* dwar dan, ix-xhud qal illi huwa ma kienx involut f’dawn l-affarijiet. Father Hilary Tagliaferro xehed illi fis-snin 80 huwa kien membru fuq il-Bord tal-Prigunieri u serva xi ghaxar jew hmistax-il sena fuq dan il-Bord. Fuq domandi tal-imputat, huwa xehed illi kien hemm okkazzjoni meta l-awtoritajiet tal-habs kellhom xi suspett li l-imputat kien ser jahrab u huwa ghamel *strike* tal-guh, gie mkellem mix-xhud u min-Nutar Felice li da parti taghhom serrhulu rasu li kienu ser jitkellmu ghalih mad-Direttur tal-Habs, kif fil-fatt ghamlu. Ix-xhud qal li hu hass li l-imputat kien qed ibati persekuzzjoni ingusta mill-

[8] A fol. 112 *et seq*, a fol. 125 *et seq* u a fol. 131 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 135 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 139 *et seq* tal-process.

awtoritajiet tal-habs u li l-Bord, li kien irrizenja ghal xi zmien minhabba dan il-kaz, hass li kellu jaghti *support* lill-imputat f'dawn ic-cirkostanzi.

In-Nutar Mario Felice xehed illi huwa ghamel hmistax-il sena President tal-Bord tal-Vizitaturi tal-Habs u cioe` bejn is-sena 1993 u April 2008. Huwa xehed illi f'Marzu 2008, irrizultalu illi r-Regolamenti tal-Habs ma kinux qed jigu osservati kemm fil-konfront tal-imputat, kif ukoll fil-konfront ta' ohrajn. Xehed ukoll illi fis-6 ta' Marzu 2008, l-imputat gie msakkar f'cella fid-Divizjoni 6, fejn hemm regim strett hafna, ghal 75 siegha (li skond ix-xhud setghu kienu anke 85 siegha) minghajr ma ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, u dan meta skond ir-Regolamenti, detenut m'ghandux jinzamm maqful f'cella ghal izjed minn 48 siegha minghajr ma jittiehdu passi dixxiplinarji kontrih. Skond l-istess Regolamenti, in oltre id-Direttur tal-Habs kellu l-obbligu li jinforma b'dan lix-xhud (bhala *Chairman* tal-Bord), izda kull ma kien inghad lilu kien biss li kien hemm xi suspett fil-konfront tal-imputat li dan kien ser jahrab. Sussegwentement fit-12 ta' Marzu 2008, l-imputat beda *strike* tal-guh u anke ghamel hsara lilu nniffsu u ghalhekk gie trasferit gewwa l-Isptar Monte Karmeli, fejn ukoll inzamm f'rekluzjoni. Dan wassal ghar-rizenja tax-xhud mill-Bord f'April tas-sena 2008.

Issa fit-trattazzjoni tieghu l-imputat jghid illi mill-provi jirrizulta illi fiz-zmien in kwistjoni, ma kinux qed jigu osservati r-Regolamenti tal-Habs, mhux fir-rigward tieghu biss izda anke fir-rigward ta' detenuti ohrajn u illi huwa kien jigi 'punit' billi jigi trasferit f'Divizjoni 6, minghajr ma jinzamm *record* dwar dan. Skond hu, dan gara wkoll fil-kaz odjern u cioe` illi huwa ttiehed fid-Divizjoni 6 ghaliex instabitlu d-droga, minghajr ma nzamm l-ebda *record.* Ghalhekk, skond l-imputat, huwa diga` gie punit dwar dan il-kaz.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok, illi mir-*records* tal-habs ma jirrizultax li ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-imputat dwar il-kaz odjern. Fit-tieni lok, jirrizulta wkoll illi f'Marzu 2008, l-imputat gie mqieghed f'rekluzjoni ghal izjed minn 48 siegha, minghajr ma ttiehdu passi dixxiplinarji fil-

konfront tieghu wara l-imsemmi hin u minghajr ma gie infurmat dwar dan ic-*Chairman* tal-Bord tal-Vizitaturi tal-Habs u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-Habs.

Ghalkemm l-imputat jghid fis-sottomissjonijiet finali tieghu illi huwa diga` nghata punizzjoni dwar il-kaz odjern, effettivament din id-dikjarazzjoni da parti tieghu ma tistax titqies bhala prova ghaliex tirrizulta biss mit-trattazzjoni finali tieghu, li certament m'hijiex prova. Issa veru jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Felice illi kienu ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu u anke kontra ohrajn minghajr ma gew osservati r-Regolamenti tal-Habs, tant illi l-istess Nutar Felice hass li kellu jirrizenja mill-Bord, biss dan ix-xhud irrefera ghal kaz specifiku li sehh f'Marzu tas-sena 2008. Dwar is-sena 2007, meta sehh il-kaz odjern, in-Nutar Felice ma setax jixhed ghaliex stqarr illi kellu bzonn jikkonsulta man-noti tieghu biex ikun jista' jixhed dwar din is-sena partikolari, izda l-imputat ma hassx il-htiega illi jerga' jressaq lin-Nutar sabiex jixhed dwar dan. Veru wkoll li ma tirrizultax *record* li ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-imputat dwar dan il-kaz mill-awtoritajiet tal-habs, izda fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra li nkisru r-Regolament tal-Habs fir-rigward tal-imputat anke fil-perjodu li ghalih jirreferu r-reati odjerni jew inkella prova li effettivament ittiehdu tali passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu b'referenza ghal dan il-kaz, il-Qorti ma tistax *a contrario sensu* tasal ghall-konkluzjoni li allura la darba ma hemm l-ebda *record* dwar dan, isegwi dak li jsostni l-imputat illi anke f'dan il-kaz inkissru r-Regolamenti tal-Habs u li fil-fatt ittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu. Fi kliem iehor, a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi sal-grad tal-probabbli, illi kienu diga` ttiehdu passi dixxiplinarji kontra l-imputat fir-rigward tal-kaz odjern. Irid jinghad ukoll illi anke li kieku, ghall-grazzja tal-argurment biss, gie muri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi fil-konfront tal-imputat verament ittiehdu passi dixxiplinarji, lanqas ma jirrizulta fl-atti x'setghu kienu dawn il-passi u x'mizuri ttiehdu fil-konfront tal-imputat. Kull ma jirrizulta biss huwa dak li jghid l-imputat stess fis-sottomissjonijiet tieghu, li kif inghad ma tistax titqies bhala prova, ossia illi huwa tqieghed f'Divizjoni 6.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b), 31 u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (c) u tal-addebitu tar-recidiva (indikata bhala imputazzjoni (d)) kif migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt li qed issibu **hati** tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u tikkundannah ghall-**piena ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti qeghda in oltre tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija u tnax-il Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm112.69) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn, tnejn u sittin Euro u disgha u erbghin centezmu (€262.49) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer*, PC 404 Paul Camilleri, ammontanti ghas-somma ta' disa' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm9.50), ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€22.13). L-ammont totali ta' mitejn, erbgha u tmenin Euro u tnejn u sittin centezmu (€284.62) ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-

bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti tal-Process Verbal numru 63/09, redatt mill-Magistrat Dr. A. Vella u maghluq fl-14 ta’ Jannar 2009[11], hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[11] Esebit a fol. 81 tal-process.